Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 12**

**9 TA' DICEMBRU 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU – 6.35pm |
| MARY ANNE ABLE | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER - 6.50pm |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru.11 gew approvati hekk kif emendati, Is- Sindku ppropona u l-Vici Sindku ssekonda.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Rigward id-dawl dekorattiv tal-Milied fil-lokalita', il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa li jinholoq sotto-kumitat sabiex jigi stabilit il-postijiet u l-ispejjez relatati ma' l-installazjoni ta' dan id-dawl. Wara diskuzzjoni, gie deciz li dan il-Kumitat jitwaqqaf jibda' jiltaqa minn Jannar 2016.Il-Kunsillieri P. Fenech u M. Fava offrew li jkunu fuq dan il-Kumitat.

## III RAPPORTI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu u l-laqghat li kellu mill-ahhar Seduta sa issa. Dan ir-rapport se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Kunsillieri M. Fava</u>

1. Il-Kunsillier staqsa dwar meta se jigu ppublikati iz-zewg tender li fadal li huma tas-servizz ta' gbir ta' skart goff u tal-provizzjoni u manutenzzjoni tas-sinjali tat-traffiku. Il-Vici Sindku nforma li dawn qed jigu ffinalizati.

2. Huwa rrefera ghall-kawza li l-Kunsill tilef kont l-Perit Camilleri, il-Kunsillier sostna li ghandha titihed decizjoni mmedjatament peress li minkejja li jibqa kontra dak kollu li sar u jibqa jsostni li dawn il-flus se jittiehdu minn halq ir-residenti fuq zbalji u abbuzi li saru fil-passat. Is- Segretraju Ezekuttiv informa li iktar ma jdum bix jithallas dan il-kont aktar ha jakkumulaw interessi.

3. Il-Kunsillier iddiskuta dwar li l-iskema ta' mpjieg ta' persuni b' dizabilita'. Huwa kkonferma li din ser tkun finanzajta mid-dipartiment ghal Gvern Lokali u l-Kunsill irid ihallas biss il-parti tieghu tal-bolla.

4. Huwa gibed l-attenzjoni li s-sidien tal-krejnijiet ghandhom ikunu nfurmati li ma jistax isir hasil ta' ingenji fit-triq specjalment fuq culverts biex dawn ma jinstaddux. Huwa fakkar ukoll li meta jingieb pulizija jew warden ghal fejn ikun hemm krejnijiet jew ingenji ohra f' siti ta' kostruzzjoni, dawn ghandhom jitilqu malli jitnehhew l-ingenji mhux appena jimtemm ix-xoghol. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jinforma lil-Customer Care.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk l-edizzjoni tal-Milied tal-magazine kinitx lesta peress li sa s'issa ghadu ma nghatax kopja tieghu minkejja li qeghdin hmistax biss boghod mill-Milied. Huwa gie nfurmat li dan dal-waqt se jibda' jitqassam lir-residenti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

Mill-Kunsillieri M. Fava-ikompli

6. Il-Kunsill gie mfakkar li xi xhur ilu kien gie miftiehem li l-Kunsillieri se jkunu prezentati bil-bilanci tal-kontijiet nominali tal-kunsill kull tlett xhur u dan ghadu ma bediex isir. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsillier informza li hu mhux se jkun f' posizzjoni li jibqa japprova nefqiet jew hlasijiet li ma jkunux kuntrattawli u ghaldaqstant qed jitlob li din is-sitwazzjoni tigi rimedjata mil-aktar fis possibli. Is-Segretarju Ezekuttvi nforma li hu applika ghall-internet banking taz-zewg banek pero' l-HSBC wara daz-zmien kollu u kuntatti ghad ma provdix dan is-servizz.

7. Il-Kunsillier talab sabiex sa l-ahhar ta' Jannar 2016, il-Kunsill ikolli l-accounts tal-Kunsill ghas-sena 2015 sabiex dawn jigu studjati sew qabel tissejjah il-Laqgha Generali Annwali tal-lokalita.

8. Il-Kunsillier rrefera ghat-tigdid tal-Kuntatt tal-kariga tas-Segretarju Ezekuttiv. Huwa spjega li ftit tal-jiem ilu harget il-call ghal dawk interessati li jidhlu fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi. Huwa qal li sakemm jintemm il-kuntratt tas-Segretarju attwali, mhux se jkun possibli ghal kunsill li jingagga persuna gdida. Anki jekk isiir dan, mhux se jkun hemm cans ta' hand over b' mod li x-xoghol tal-kunsill jibqa'miexi bla ntoppi.Ghaldaqstant huwa issugerixxa lill-Kunsill sabiex issir talba formali lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex it-terminu tieghu jigi mgedded tal-inqas sal-ahhar ta' Settembru 2016, b' possibilta sal-ahhar tal-istess sena. Il-Kunsill qabel dwar dan u ghandha tintbghat ittra formali lid-Dipartiment

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier staqsa l-advertising boards li hawn fil-lokalita'. Is- Sindku ha l-inkarigu li jaghmel kuntatt mal-kuntratturi kkoncernat.

2. Huwa rrefera ghall-clamping ta' vetturi li jkunu qed joholqu ostaklu fit-toroq tal-lokalita' fejn gie infurmat li ma tistax tinhareg sejha ghall-offerti ghal dan is-servizz peress li l-ligi Malitija ma tippermettix li l-Kunsilli jaghmlu dan qabel ma jsir ftehim ma' LESA. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi dwar meta se ssir il-laqgha ma' LESA. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa issa ghad m' ghandux risposta u ghalhekk se jintbaghat reminder.

3. Il-Kunsill gie nfurmat li ricentament, huwa flimkien mas- Sindku, il-Kunsillier M. Abela u l-Membu Asha Caroline Caruana attendew ghal-laqgha li saret ma' rapprezentati tal-Wasteserv rigward il-porgett pilota ta' gbir ta' skart organiku ghall-tlett xhur. Huwa nforma li se ssir laqgha ohra mal-Wasteserv u mal-kuntrattur kkoncernat nhar l-Erbgha 14 ta' Dicembru sabiex jigi stabilit pjan u jigu diskussi l-problemi li jistghu jizvillupaw.

4. Huwa rrefera ghal bankina hierga 'il barra fi Triq il-Qasam ezatt fil-kantuniera ma Triq il-Qantar. Hu qal li din hija perikoluza hafna u li kellu hafna lmenti minn residenti li xi sewwieqa jibqghu dehlin go fiha peress li din baxxa u ma tidhirx daqstant. Wara diskuzzjoni sar qbil li s-Sindku se jmur fuq il-post u mieghu jkun hemm il-Perit tal-Kunsill ghall-pariri tieghu.

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

Mill-Kunsillier A. Chetcuti – ikompli

5. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex jsir planter hdejn is-sigra li hemm fil-kantuniera mal-genb ta' l-istabiliment Corner Food Store. Il-Kunsillier ha l-inkarigu li jiltaqa' mal-kuntrattur ikkoncernat dwar din il-materja.

6. Huwa rrakomanda li Triq il-Qantar ssir one-way sabiex jitnaqqas traffiku minn Triq il-Keffa. Il-Kunsillier A. Curmi informa li din il-possibilta' se tigi diskussa mal-kumplamenti tal-materji pendenti ohra ma' Traffic Managment Board.

7. Il-Kunsillier issugerixxa sabiex il-Kunsill jkollu recipjenta apposta sabiex ir-residenti jkunu jistghu jarmu medicini skaduti fih. Wara diskuzzjoni, gie deciz li jsir kuntatt mal-Malta Chamber of Pharmacies.

Mill-Kunsillier P.Fenech

1. Il-Kunsillier informa li permezz ta' email , huwa bghat programm idettaljat ta; kif se jitqassmu l-attivitajiet li se jigu oragnizzati fi zmien il-Milied. Huwa heggeg lil dawk prezenti sabiex jattendu. Huwa nforma li fl-attivita ta' 22 ta' Dicembru se jkun hemm vann apposta li jesa 18-il persuna, ghall-partecipanti u membri tal-kor sabiex iwaqqafhom biex jknataw l-ghanjjijet sbieh tal-Milied.

*Il-Vici Sindku talab sabiex jkun skuzat. Il-hin kien 7.20pm.*

2. Il-Kunsillier informa li intrema presepju fil-gnien ta' Centru Civiku sabiex jkompli jsebbah iktar l-atmosfera. Huwa nforma li dan se jinxteghel nhar il-Gimgha 11 ta' Dicembru 2015. L-ispiza totali hija ta' €130.00. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Mill-Kunsillier T. Valentino

1. Il-Kunsillier infurmat sabiex jekk hu possibli jitbidel ir-ritratt li hemm fuq is-sit www.lc.gov.mt peress li dan huwa ritratt antik tal-memmbri l-ohra. Is- Segretarju Ezekuttiv li hekk kif jkollu ritratt bil-membri kollha dan jkun jista' jinbidel immedjatament.

2. Hija staqsiet sabiex ikollha nformazzjoni kemm il-Kunsill hareg permessi ghad-depozitu ta' makkinarju fit-toroq tal-lokalita u l-ammont globali sa l-ahhar tas' Settembru 2015. Is- Segretarju Ezekuttvi ha l-inkarigu li jigbor din l-informazzjoni.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li ga bdiet tigbor xi kwotazzjonijiet ghall-ikla annwali li l-Kunsill jorganizza fi zmien il-Milied li din id-darba se ssir fis-16 ta' Jannar'16. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-sipiza ma tridx tkun iktar minn €25.00n kull persuna.

2. Il-Kunsill gie nfurmat b'laqgha li se ssir fl-ufficini ta' Project House nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015 dwar ir-rotot tat-transport pubbliku. Hija infurmat li hi se tattendi ghal din il-laqgha u hgegget biex dawk prezenti jattendu wkoll.

3. Hija nfurmat li fi triq arterjali ta' Triq Sant Andrija hemm xi toqob li jistaw jikkawzaw xi hsarat lil xi vetturi u ghalhekk jkun jaqbel jekk jigi nfurmati l-haddiema ta' TM mill-aktar fis. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jaghmel kuntatt ma' TM.

4. Hija staqsiet jekk il-Kunsill ircivix il-livelli ta' Triq il-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa llum dawn ghadhom ma ntbaghtux u ghalhekk se jibghat reminder lill-MEPA rigward din il-materja.

5. Il-Kunsillier ireferiet ghall-attivita' li se ssir nhar l-20 ta' Dicembru quddiem il-kappella tal-Madliena bejn l-10am u s-13.00, fejn hija ssugeriet li jkun hemm prezenti gwardjan lokali sabiex jidderigi traffiku b' mod iktar ghaqli. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel kuntatt mal-kumpanija tal-gwardjani lokali.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier rega' gibed l-attenzjoni dwar l-istat hazin li jinsabu fihom il-bins madwar il-lokalita. Huwa staqsa sabiex dawn jinbidlu ma' ohrajn godda. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jigbor xi kwotazzjoni ghal dawn il-litter bin.

2. Huwa nforma li bghat rapport ta' xi xogholijiet li ghadhom pendenti u anke godda. Dan l-appendici se jkun aness ma' dawn il-Minuti bhala App. B.

3. Il-Kunsillier informa li hemm xi bnadi specjalment fi Triq is-Swieqi fil-vicinanza tal-hwienet u madwar il-Gnien FX Ebejer hemm xi bicciet ta' bankini mkissra. Is-Segretraju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jinforma lill kuntrattur ikkoncernat.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.12, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.C), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati kemm-il darba dawk prezenti ma jsibu l-ebda ogezzjoni. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier A. Curmi issekonda.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. Is- Segretraju Ezekuttiv ipprezenta l-Appraisal Reports tal-haddiema klerikali tal-Kunsill. Huwa ppropona sabiex dawn jigu approvati u jinghataw il-percentagg massimu (6%) peress li dejjem ikkopoeraw u hadmu iktar minn dak mistenni minnhom. . Is-Sindku ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Is- Sindku ressaq ukoll ghall-attenzjoni tal-Kunsill, l-Appraisal Report tas-Segretarju Ezekuttiv u wara diskuzzjoni gie deciz li dan jigi approvat u jinghata l-persentagg massimu peress li s-Segretarju Ezekuttvi dejjem kien ta' ghajnuna kbira fl-operat u t-tmexxija ta' dan il-Kunsill. Is- Sindku ppropna u l-Kunsillier M. Fava ssekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 8.00pm.*

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI- ikomplu

<u>Mill-Kunsillier M. Miceli</u>

1. Il-Kunsillier informa li ricentament huwa rcieva lmenti dwar xi sewwieqa rresponsabli li qed jabbuzaw mill-mizura tal-one way fi Triq il-Hemel u Lourdes Lane. Ghaldaqstant huwa talab sabiex issir iktar sorveljanza mill-gwardjani lokali f' din iz-zona. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jinforma lill-LESA dwar dan l-abbuz.

2. Il-Kunsillier irrefera ghax-xoghlijiet ta' trinek li saru minn naha ta' l-Enemalta f'diversi troroq fil-lokalita. Huwa nforma li l-materjal li intuza biex regghu inghlaqu dawn it-trinek huwa wiehed inferjuri u ghallhekk l-ebda triq ma thalliet fl-istat li kienet qabel. Huwa gie nfurmat li fadal li jsir it-tarmak fuq dawn it-trinek. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li hu ga ghamel kuntatt mal-kuntrattur responsabli u hu dan informa li ghandu jiksi dawn it-trinek nhar il-Hamis 17 ta' Dicembru'15.

Din il-laqgha spiccat fit-20.20 u b' mod unaninmu gie deciz li s-seduta li jmiss sssir nhar l-Erbgha 13 ta' Jannar 2015 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**